# Kunsill Lokali Ħal Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404.
Telefon : 21689168, 21641487, 21640290 Fax : 21689796
E-Mail : safi.lc@gov.mt Web Page : www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru sitta u għerbin (46) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi, (KLĦS), li nżammet nhar il-Ħamis, 17 ta' Diċembru, 2009, fil-5.00pm, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |
| | Dorianne Zammit | Skrivana |

1. Is-**Sindku ippresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Inqraw il-**minuti tas-seduta** preċedenti, dawn kienu kkoreġġuti, approvati u ffirmati kif jidhru fuq il-kopja oriġinali.

**Punti mill-Minuti**

3. Dwar il-proposta li tiġi nstallata ***dome cctv camera*** fil-ġnien quddiem il-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, is-Sindku qal li hu bagħat għas-Sur Chris Ellul, u dan se jżuru nhar it-Tnejn, 21 ta' Diċembru, 2009 biex jagħtina l-parir dwar jekk din l-infrastruttura hix kompatibbli ma dik eżistenti, jiġifieri mas-*cctv camera* tal-latrina pubblika u l-uffiċċini tal-Kunsill (fuq ġewwa).

4. Se tkun ordnata **tabella** minn għand il-Koptasin, biex tindika l-entratura ta' **l-*istores* fil-Karwija**, kif kien diskuss u deċiż fis-seduta preċedenti. Din l-inizjattiva se tkun qed tittieħed biex nissalvagwardjaw il-ħajjiet ta' xufiera li jaħbtu fi Triq il-Karwija.

5. Dwar il-proposta ta' xiri ta' **fanal solari** biex jitwaħħal ma' l-istatwa li għadna kemm irrestawrajna, jiġifieri dik ta' San Ġużepp, Jimmy Busuttil fittex ġewwa Burmarrad, mingħajr ma kellu suċċess. Hu qal li dan il-fornitur ma kellux *in stock*, u se jerġa' jġib minnhom.

6. B'riferenza għall-**istatwa ta' San Ġużepp**, kien deċiż biex jsir appell lill-pubbliku u dan ikun imħabbar fil-ħarġa tal-fuljett. F'dan l-avviż il-Kunsill Lokali Ħal Safi se jitlob l-għajnuna ta' dawk il-persuni li jiftakru l-istatwa fil-bidu nett tagħha, biex possibilment ikunu identifikati l-kelmiet ta' l-indulġenza li kien hemm fuq l-iskrizzjoni, li issa ntilfu wara ħsarat li kienet ġarrbet l-iskrizzjoni.

7. Se ninsistu mal-Perit Robert Musumeci biex jgħaddilna ir-rapport tad-*draughtsman* meta dan kien akkumpanja lis-Sindku u lid-DSE ġewwa r-*runway* tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. F'din il-mawra kienet spezzjonata l-ġiebja, eżistenti li qed tilqa' l-**ilma tat-triq tal-Karwija**.

8. Is-Sur Joseph Zammit, il-kollettur ta' l-iskart, kellu jirranġa r-***refuse collection vehicle,*** minkejja li ma daħlux aktar rapporti ta' taqtir ta' meraq ta' l-iskart fit-toroq. Dwar ir-rimi ta' l-iskart fil-landfill, li minn Ottubru, 2009 se jibda jħallas għalih il-KLĦS (bħal kull kunsill ieħor), is-DSE insista mal-Kunsill biex naraw kif nagħmlu kuntatt ma waħda miż-żewġ **kumpaniji li qed tieħu l-iskart riċiklabbli** biex inżidu l-*bring in sites* u aktar 'il quddiem niġu eżentati milli nħallsu tal-kollezzjoni magħrufa bħala tar-*recycling Tuesdays*. Kien deċiż illi tkun posposta għal xi ħin is-seduta li jmiss, li se jżomm il-Kunsill fil-5 ta' Jannar, 2010, biex il-kumpanija Green mt tagħmel il-preżentazzjoni tagħha quddiem il-kunsillieri, ħalli dawn ikollhom *first hand information* dwar il-proposti tagħhom. Intant, is-Sindku u d-DSE, diġa' kellmu lis-Sindku ta' Birkirkara dwar kif qed iħaddmu ftehim ta' din in-natura fl-akbar lokalita' ta' Malta. L-intenzjoni ta' dan kollu hu, li innaqqsu l-iskart (*mixed organic waste*), billi inħajru r-residenti jisseparaw aktar, u b'hekk awtomatikament jonqos il-ħlas tar-rimi fil-landfill, u jgawdi l-ambjent.

9. Il-Kunsill dam jiddiskuti għal xi ħin id-dettalji tal-***Heritage Trail***, il-**Pjanta tar-raħal** bil-postijiet interessanti indikati fuqha, li se titpoġġa qrib il-pjazza ewlenija (jekk mhux fiha; irid ikun indikat fuqha fejn din se titpoġġa – You Are Here), kif ukoll l-inqix ta' kelmiet fuq tabelli ma siti storiċi. Jirriżulta li ma' l-*e-mails* mgħoddijin diġa' lil MEPA mid-DSE, iridu jitniżżlu dettalji oħra bħal Berġa, Latrina Pubblika, u l-iSpiżjar.

**10.** Id-DSE ikkonfermalu *Horace Enterprises* tal-Gudja li hu inaqqax il-kelmiet fuq it-tabelli hekk kif dawn ikunu approvati mill-Kunsill. Aktar kmieni dawn l-iskrizzjonijiet kienu diġa' tqassru minn dan l-uffiċċju, biex dawn il-plakek tal-perspex, finalment ikunu mwaħħla ma' siti differenti u joffru **servizz ta' informazzjoni għal kulħadd.**

11. Id-Direttur, Dipartiment għall-Indafa Pubblika, ikkomunika mad-DSE u qallu li mhux se jkompli jagħti s-**servizz tat-tindif tat-toroq** fil-lokalita' tagħna bil-prezzijiet tal-kuntratt l-antik. Hu infurmah sabiex jipprepara ħalli joħroġ l-offerta pubblika, filwaqt li wera x-xewqa li jerġgħu jikkompetu, ovvjament bil-prezzijiet il-ġodda. Hawn is-Sindku qal li se jipprova jġedded il-kuntratt billi jkellem lid-direttur huwa stess.

12. L-***exhibition boards*** ta' l-injam, kif proposti fis-seduti preċedenti, hu maħsub li jagħmilhom il-ħaddiem tal-Kunsill, is-Sur Joe Schembri, fil-ħin normali tax-xogħol tiegħu. Il-Kunsill se jieħu ħsieb jixtri l-materjal.

13. **Il-KLĦS se jagħti *hamper* tal-frott** (larinġ li se jinqata' minn Ġnien Ball) **lil dawk il-persuni li huma rikoverati f'darhom** u ma joħorġux. Il-lista tagħhom kienet kompilata fi tmiem il-laqgħa bil-għajnuna tal-kunsillieri kollha minn fuq il-lista' tal-persuni li ġentilment ipprovditilna l-Parroċċa, tal-persuni li jitqarrbnu fi

djarhom, mill-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin. Dawk il-qfief li nxtraw s'issa, mhux se jservu u se nixtru sebgħa oħra.

14. Għad m'għandniex risposta formali, għat-**talba** tal-Kunsill Lokali tagħna, **lill-*Malta Football Association,*** sabiex l-etajjiet tat-tfal li jattendu n-*nursery* tal-Kunsill, ikunu estiżi għal tfal ta' ħmistax-il sena, flok biss għal dawk tat-13-il sena. Il-Kunsill se jkompli jagħmel l-almu tiegħu għaliex jemmen li ċ-ċirkustanzi huma, li r-raħal imissu jkun ippreferut, għaliex huwa l-uniku kunsill f'Malta kollha li għandu n-nursery tiegħu.

15. Dwar il-**ħmieġ tal-klieb** fuq il-bankina u/jew fit-triq, intqal li l-problema tagħna hija simili għal dawk ta' lokalitajiet oħra. Minkejja li anke f'lokalitajiet b'importanza turistika wieħed spiss jara kontenituri tal-ħmieġ tal-klieb apposta mwaħħla, xorta hemm il-problema ta' nuqqas ta' edukazzjoni. Barra minn hekk, ma nafu bl-ebda kontravenzjoni li ħarġet għaliex persuna li jkun qed idawwar il-kelb mingħajr ma' jkollu borża f'idejh. Madankollu, l-problema tant hija kbira li din il-ġimgħa xi klieb *stray*, għaddew minn fuq wiċċ tal-bankina li kienu għadhom kemm jagħtuha l-konkos il-ħaddiema tagħna, u ħarbtuha tant, li kellhom jerġgħu jiġu malajr jgħadduha mill-ġdid, qabel ma din nixfet.

16. Ma kien hemm l-ebda rispons formali mill-Uffiċjal Awtorizzat mil-Gwardjani Lokali u t-Tribunal Konġunt ta' l-**Infurzar tal-Liġijiet**, is-Sur Dennis Vassallo, għat-talbiet li saru minn dan l-uffiċċju. Fuq kollox, ingħad li ma ntlemaħ l-ebda gwardjan lokali mill-kunsillieri. Minkejja dan kollu l-kunsillieri innotaw daqsxejn titjib speċjalment fejn jidħol iż-żamma tal-parkeġġi fil-pjazza.

17. Dwar il-proposti ***cctv cameras*** biex jinqabdu dawk li qed jitilgħu kontra l-one-way fi Triq iż-Żurrieq, il-Kunsill irid jistudja aktar kif u fejn din tista' titpoġġa u fuq kollox jagħmel *budget* għaliha fil-każ li jirriżulta li din ma tkunx qed issostni lilha nfisha.

18. Wara d-deċiżjoni meħuda fuq din il-mejda ħmistax ilu fil-preżenza tal-Perit Robert Musumeci, biex il-KLĦS jerġa' joħroġ id-dokument revedut għall-**offerta pubblika ta' Misraħ San Ġużepp**, Pietru Pawl Busuttil informa lill-kunsillier li huwa rċieva ittra minn għand wieħed mill-offerenti – Polidano Bros. Hu qraha lill-Kunsill fejn niżżel il-prezz tal-offerta tiegħu għal €59,000, filwaqt li offra li jinbidel il-pavimentar għal materjal ġdid li ma nafux x'jismu minkejja li pprovdielna *sample* tiegħu. Il-kummenti dwar din iċ-ċangatura kienu li dan jidher li huwa b'saħħtu, minkejja li bħala daqs hu xi ftit żgħir. Għaldaqstant se naraw Kunsilli Lokali oħra x'qed jużaw bħala pavimentar, bħala materjali, filwaqt li kien deċiż li nistennew il-Perit R Musumeci jagħtina d-dokument ta' l-offerta, ħalli din terġa' toħroġ.

19. Dwar it-***trailers*** **mitluqin fi Triq il-Kuċċard**, il-Pulizija waħħlulhom il-karti ta' l-avviżi ħalli is-sidien tagħhom ineħħuhom minn hemm, fiż-żmien stipulat. Minkejja dan kollu, kien kontemplat li jekk l-awtoritajiet mhux se jaslu, allura

jkollna naslu biex ninfurzaw il-liġi aħna stess, bil-modi tagħna. Se naraw jekk nistgħux permezz ta' l-Awtorita' Dwar it-Traport ta' Malta, inwaħħlu tabella sabiex dawn it-trailers ma jitħallewx aktar hawn kif ukoll se niktbu lill-Kummissarju tal-Pulizija dwarhom u nikkupjaw l-ittra lill-Ispettur taż-Żurrieq.

20. Għadna ma ingħatajna l-ebda risposta mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta għall-oġġezzjonijet li kien għamel il-KLĦS għar-relokazzjoni mingħajr konsultazzjoni magħha, tal-***Bus Stop*** **fi Triq iż-Żurrieq**. Dwar dan, se nibgħatu *reminder* lill-din l-awtorita' ħalli ta' l-inqas inkunu involuti fid-deċiżjonijiet li jieħdu huma, fil-konfini tagħna.

21. Il-**manutenzjoni/bankini** ġodda fi Triq San Pawl u Triq il-Menqa, saru għas-sodisfazzjon tal-Kunsill mill-ħaddiema tiegħu.

22. Saret referenza għal ***Inspection Chamber*** difettuż fi Triq Dun Guzepp Caruana. Dan jirriżulta li ressquh il-kunsillieri Francis Callus u Eddie Bonello biex jitneħħa l-periklu.

**23.** Inqalgħet l-ittra tas-17 ta' Novembru 2009 fejn kien hemm skambju bejn il-Perit tal-Kunsill u l-MEPA dwar l-irridiżinjar ta' **pjanti ġodda mill-ġdid għal Misraħ San Ġużepp.**

24. Kopja ta' komunikat tal-Qorti ma' Emanuel Farrugia, intbgħatet lill-Kunsill Lokali Ħal Safi fejn il-Qorti talbitu jħallas il-kumplament tal-kontijiet ta' l-arbitraġġ, wara inċident li kien seħħ diversi snin ilu fil-Karwija. Hawn kien allegat li l-istess Farrugia, sartilu **ħsara fil-makna tal-vann** tiegħu, meta għadda minn għadira kbira ta' ilma li qed joqgħod hemm.

25. Inqraw partijiet ta' **E-mail mibgħuta mill-Każin tal-Partit Nazzjonalista** ffirmata minn Alexis Callus, li titkellem fuq l-ilma tax-xita li qed joqgħod fiċ-ċentru, is-sigurta' quddiem l-iskola mhedda mill-ġenituri tat-tfal stess li jmorru għal uliedhom u l-parkeġġ irregolat fil-festi sekondarji.

26. Kien diskuss **l-inkonvenjent mill-ilma tax-xita** li qed jaqleb viċin ir-residenza tal-Perit Ninu Zammit, fejn qed jiġi l-ilma (run-off) minn Triq l-Indipendenza, Zurrieq, għal Triq Sant Andrija li jibqa' sejjer fi Triq il-Ħajt Ruman. Dwar dan, il-Kunsill se jikteb lill-ADT biex issir forma ta' barikata, *culverts* jew mezzi oħra biex dan jibqa' sejjer xi mkien ieħor mingħajr ma jikkaġuna inkonvenjent fit-toroq residenzjali tagħna.

27. Id-DSE informa lill-Kunsill illi irċevejna l-*acknowledgements* għat-talbiet li saru mill-KLĦS għall-***expropriation*** **ta' Triq San Ġwann.** Dwar dan, is-Sindku qal li minn informazzjoni li daħliltlu, jirriżulta illi t-talba għall-expropriation trid issir mill-ADT, lill-Kummissarju ta' l-Artijiet, għaliex din il-junction tirrigwardja toroq, u għaldaqstant, il-kostruzzjoni hija f'idejhom.

28. Kienu diskussi l-punti li ħarġu fil-laqgħa li nżammet mill-*Quality Assessment Unit* fi ħdan l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, ġewwa l-Kunsill Lokali Zurrieq, propju llum bejn is-2.00pm u t-3.30pm, bi tħejjija għar-**rikostruzzjoni ta' Triq il-Belt Valletta, Zurrieq.** Is-Sindku u d-DSE li kienu preżenti, taw dettalji minn fejn se jkun devjat it-traffiku taż-Żurrieq, filwaqt li qalu li għandhom indikazzjoni ċara li l-aktar li se jintlaqat negattivament, huwa r-raħal tagħna. Għaldaqstant, wara diversi proposti li kienu meqjusa bir-reqqa, ġie deċiż illi l-KLĦS jitlob li **Triq San Pawl issir *one-way***, bit-tabelli jeħlu mal-garaxxi ta' Ditta u t-tabella tal-Cul De Sac, aktar 'l isfel mal-Ħajt tal-ġnien ta' Qnieċel. Proposta oħra kienet dik għal **Triq il-Kuċċard li ssir ukoll *one way*** b'mod temporanju, bit-traffiku jimxi fid-direzjoni minn Ħal Kirkop lejn iż-Żurrieq. Il-KLĦS jissuġġerixxi li f'dan il-każ, it-tabelli jitwaħħlu quddiem Triq Testaferrata, u jkun hemm oħrajn jikkumplimentawhom bin-*no right turn* b'kollox, fejn Triq it-Tellerit, Triq is-Summien, u Triq Dun Karm Lia, jemerġjaw għal Triq il-Kuċċard. Dawn it-tabelli għandhom isiru b'eċċezzjoni għar-residenti ta' din it-triq u t-trasport pubbliku.

29. Mill-korrispondenza, inqalgħet l-ittra tal-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, li ġġib id-data tas-7 ta' Diċembru, 2009, fejn talbuna biex nagħtu l-kummenti tagħna fuq sit li mhux fil-konfini tagħna, propju Valletta Road, Zurrieq, viċin il-ground tal-futbol. Id-DSE se jwieġeb, li din l-ittra għandha tintbgħat, lill-kunsilli konċernati, jiġifieri iz-Zurrieq, Ħal Kirkop u l-Imqabba minkejja li nemmnu li din il-***junction* fi Triq Valletta, Zurrieq**, trid titjieb.

30. Kien hemm proposta biex nibgħatu reminder lill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta, filwaqt li ninfurmawhom li jekk mhux se jkollna *feedback* minn għandhom fi żmien xahar, il-Kunsill Lokali Ħal Safi jassumi li m'hemm l-ebda oġġezzjoni minn naħa tagħhom u għalhekk jista' jipproċedi bit-talba tiegħu li **jagħlaq** il-*junction* bejn **Triq Dun Ġużepp Caruana u Triq Santa Marija u jagħmilha *pedestrianised.*** It-talba oriġinali kienet saret fid-19 ta' Mejju, 2009 u għalhekk isssa għaddew aktar minn sitt xhur.

31. Saret referenza għat-talba li għamilna lill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta nhar il-21 ta' Settembru, 2009, għal-**linji s-sofor li ntalbu biex ma' jibqax isir parkeġġ f'postijiet dojoq fi Triq San Pawl**, propju fejn is-Salib tad-Dejma. Jinħtieġ li l-Kunsill jibqa' jinsisti formalment ma' din l-awtorita' minħabba l-inkonvenjent li t-trasport pubbliku qed jiġġamja spiss.

32. Dwar it-***telephone box* il-ġdida fil-Pjazza,** li kienet approvata mill-MEPA, se nsibu t-talba li konna għamilna u nagħmlu *reminder* lill-Go plc, ħalli jitħaffef il-proċess u din tiġi nstallata filwaqt li tingħalaq l-oħra ta' l-era Vittorjana.

33. Issemmiet biċċa **bankina quddiem l-iskola** li hija perikoluża u li l-kunsillieri qablu li għandu jsir intervent fuqha ħalli ssirilha l-manutenzjoni neċessarja qabel ikorri xi ħadd.

34. Se nordnaw ix-xogħol (purchase order) lill-kumpanija Nexos Street Lighting biex iż-**żewġ lampi tat-toroq fejn il-Ġnien Dun Karm Lia**, li huma approvati mill-Korporazzjoni Enemalta, viċin il-binja l-ġdida li nbniet minn Polidano Bros, jitwaħħlu.

35. Il-Kunsill Lokali Ħal Safi se jorganizza **l-ikla għall-kunsillieri** fis-sala tiegħu stess nhar id-29 ta' Diċembru, 2009, f'nofs in-nhar. Għal xi ħin il-kunsillieri iddiskutew id-dettalji ta' din l-ikla, li fiha se jingħaqdu magħna wkoll il-ħaddiema tal-Kunsill li jaħdmu barra mill-uffiċċju.

36. Se nixtru **sellum forci** għall-benefiċċju tal-ġennien fi Ġnien ta' Ball. Dan se jkun qed jintuża għall-manutenzjoni fuq ħitan u affarijiet oħra marbuta mal-ġardinaġġ.

37. Kienu diskussi ir**-riżorsi umani** speċjalment ta' dawk il-ħaddiema non klerikali, għaliex dawn jinħtiġilhom aktar dixxiplina, biex jagħtu aktar ħin b'dedikazzjoni b'risq il-lokalita' ta' Ħal Safi.

38. Kienet approvata l-***Payment Approval Sheet*** numru 38.

39. Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 5.1.10 minn Pietru Pawl Busuttil
Deputat Segretarju Eżekuttiv Sindku